**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Avviż Nru. 456/1997VG**

**Fuel Oil & Petroleum Co. Ltd.**

**Vs**

**Dr. Abigail Bugeja nominata Kuratur Deputat skond Digriet tal-21 ta' Mejju 2015 sabiex tirrappreżenta lill-mejjet John Polidano**

**Illum 4 ta' Marzu 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviż ippreżentat mis-soċjetà Fuel Oil & Petroleum Co. Ltd. fis-6 ta' Marzu 1997 permezz ta' liema titlob li l-Qorti tikkundanna lil John Polidano, illum mejjet u rappreżentat f'dawn il-proċeduri mill-Kuratur Deputat Dr. Abigail Bugeja, iħallasha is-somma ta' mitejn sitta u ħamsin Liri Maltin u ċenteżmu (Lm256.01), ekwivalenti għal €596.34, rappreżentanti konsenja u bejgħ ta' *lubricating oil* minnha lill-imsemmi John Polidano, bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 25 ta' April 1996 u bl-igmħax mid-data tal-konsenja;

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet ta' John Polidano permezz ta' liema jeċċepixxi li t-talbiet tas-soċjetà attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra tagħha, peress illi kwalsiasi kreditu li setgħet kellha s-soċjetà attriċi, jinsab imħallas;

Rat ir-Risposta tal-Kuratur Deputat Dr. Abigail Bugeja ppreżentata fis-26 ta' Ġunju 2015[1] permezz ta' liema eċċepiet illi hija ma hijiex edotta mill-fatti u rriservat id-dritt li tressaq eċċezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri;

Ikkunsidrat ix-xhieda ta' Michael Angelo Fenech, rappreżentant tas-soċjetà attriċi, mogħtija waqt is-seduti tas-16 ta' Frar 1998[2], ta' l-4 ta' Ġunju 2019[3] u ta' l-24 ta' Ottubru 2023[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu a fol. 17 u 18 tal-proċess, ikkunsidrat ix-xhieda ta'

[1] Fol. 211 tal-proċess.

[2] Fol. 13 sa' 16 tal-proċess.

[3] Fol. 339 u 340 tal-proċess.

[4] Fol. 422 u 423 tal-proċess.

Michael Fenech mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2001[5], semgħet ix-xhieda ta' Joseph Saliba, in rappreżentanza ta' l-Employment & Training Corporation, mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' April 2013[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JS1" u Dok. "JS2" a fol. 123 sa' 162 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Daniel Vella mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2016[7] u x-xhieda ta' Luke Boyce mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2016[8], semgħet ix-xhieda tal-Psikjatra Dr. Christian Sant mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Ġunju 2018[9] u semgħet ix-xhieda ta' Claire Polidano mogħtija waqt is-seduti ta' l-20 ta' Novembru 2018[10], tat-18 ta' Frar 2019[11] u ta' l-20 ta' Frar 2020[12] u rat it-traskrizzjoni ta' telefonata li r-*recording* tagħha jidher li sar fil-11 ta' Jannar fil-11:30a.m. markata Dok. "TCP" esebita mis-soċjetà attriċi permezz ta' Nota ippreżentata fit-18 ta' Frar 2019[13] u rat CD markata Dok. "CD1" kontenenti telefonata bejn Michael Angelo Fenech, rappreżentant tas-soċjetà attriċi, u diversi rappreżentanti ta' John Polidano, u traskrizzjonijiet ta' l-istess telefonati markati flimkien Dok. "CD2" esebiti mis-soċjetà attriċi permezz ta' Nota ppreżentata fid-29 ta' Mejju 2019 a fol. 319 sa' 337 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Felix Tabone mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Lulju 2021[14] u rat il-fotokopja tal-Karta ta' l-Identità ta' Felix Tabone markata Dok. "FT" a fol. 369 tal-proċess u d-dokument markat Dok. "DC" esebit mis-soċjetà attriċi a fol. 370 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert tal-Kalligrafija Joseph Mallia[15] mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2022[16] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "JM" a fol. 393 sa' 415 tal-proċess, rat il-kopja legali tax-xhieda ta' Felix Tabone mogħtija minnu fil-proċeduri fl-ismijiet "Fuel Oil & Petroleum Co. Ltd. v. Nica Limited" Rik. Nru. 460/97 waqt is-seduta tal-25 ta' Frar 2003, u kopja tad-docket relattiva esebiti mis-soċjetà attriċi permezz ta' Nota ppreżentata fl-14 ta' Ottubru 2021 a fol. 384 sa' 387 tal-proċess;

Rat id-Digriet datat 29 ta' Ottubru 2024[17] li bih ġiet miċħuda t-talba tal-Kuratur Deputat Dr. Abigail Bugeja sabiex din il-Qorti tordna l-isfilz tan-Nota ppreżentata mis-soċjetà attriċi fid-29 ta' Mejju 2019 u tiddikjara li d-dokumenti Dok. "CD1" u Dok. "CD2" annessi ma' l-istess Nota ma humiex ammissibbli bħala prova;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-soċjetà attriċi a fol. 445 sa' 449 tal-proċess u rat in-Nota Responsiva tal-Kuratur Deputat Dr. Abigail Bugeja a fol. 450 sa' 454tal-proċess;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[5] Fol. 38 sa' 41 tal-proċess.

[6] Fol. 163 u 164 tal-proċess.

[7] Fol. 220 sa' 224 tal-proċess.

[8] Fol. 236 u 237 tal-proċess.

[9] Fol. 208 u 209 tal-proċess.

[10] Fol. 304 sa' 308 tal-proċess.

[11] Fol. 315 sa' 317 tal-proċess.

[12] Fol. 350 sa' 353 tal-proċess.

[13] Fol. 312 sa' 314 tal-proċess.

[14] Fol. 366 sa' 368 tal-proċess.

[15] Nominat permezz ta' Digriet datat 31 ta' Awwissu 2021 a fol. 374 tal-proċess.

[16] Fol. 417A tal-proċess.

[17] Fol. 438 sa' 442 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

Is-soċjetà attriċi titlob li l-konvenut, illum mejjet u rappreżentat f'dawn il-proċeduri mill-Kuratur Deputat Dr. Abigail Bugeja, jiġi kkundannat iħallasha s-somma ta' Lm256.01, ekwivalenti għal €596.34, rappreżentanti konsenja u bejgħ ta' *lubricating oil* minnha lill-imsemmi konvenut. Da parte tiegħu l-konvenut kien eċċepixxa li t-talbiet tas-soċjetà attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda peress illi kwalsiasi kreditu li setgħet kellha s-soċjetà attriċi jinsab imħallas, u l-Kuratur Deputat eċċepiet illi hija ma hijiex edotta mill-fatti u rriservat id-dritt li tressaq eċċezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

**Provi:**

**Michael Angelo Fenech**[18], in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi, xehed illi *fis-26 ta' Ottubru 1994, kienet saret konsenja ta' tlett tankijiet żejt lill-konvenut u dan bil-prezz komplessiv ta' Lm256.01c. Meta saret il-konsenja ma saret l-ebda karta in rigward l-istess konsenja. Inkarigat minn dawn il-konsenji kien ċertu Michael Fenech impjegat mad-ditta rappreżentata minni. Dan kien ta struzzjonijiet lil min jagħmel il-konsenji sabiex isiru l-konsenji, imbagħad jieħu ħsieb id-dokumenti hu stess, Michael Fenech. Fil-fatt dan Michael Fenech ma kienx impjegat ta' din id-ditta iżda ma' ditta oħra mmexxija minni u minn ħija. Però hu kien jieħu ħsieb dawn l-ordnijiet. Meta d-driver qalli li ma kienux saru dokumenti jien stess personalment kont ħriġt id-dokumenti. Fil-fatt id-dokumenti ġew iffirmati mid-driver tagħna. Sussegwentement jien kont ċempilt lil Polidano l-konvenut. Dawn ta' Polidano nfurmawni li fil-fatt kellhom invoices. Jien tlabthom kopja però avolja wegħduni kopja ta' l-invoices, qatt ma tawhieli. Fid-9 ta' Diċembru 1994 imbagħad, kont ħriġt l-invoice.* Fotokopja ta' din l-invoice tinsab esebita a fol. 17 tal-proċess u a fol. 18 tal-proċess ġiet esebita fotokopja tad-delivery note.

Fenech kompla jgħid illi *xi ħaġa ffirmata minn Polidano li turi li saret il-konsenja ma għandix. Eventwalment, mill-konversazzjonijiet li kelli ma' ta' Polidano, jien smajt il-verżjoni tagħhom. Jien għandi kumpanija oħra li kienet tixtri minn għandhom u ta' Polidano kellu jieħu minn għand din il-kumpanija ta' xi fornituri ta' petrol jew diesel. Kien sar ftehim ma' Michael Fenech li semmejt li ma kienx direttur tal-kumpanija Fuel Oil and Petroleum Company Limited u huwa lanqas ma kellu awtorizzazzjoni sal-ftehim ta' set off. Ta' Polidano kienu nfurmawni li saret din is-set off.*

In kontro-eżami waqt is-seduta tas-16 ta' Frar 1998, Michael Angelo Fenech xehed illi *in rigward dak li kien qalli Polidano, jien ippruvajt inkellem lil Michael Fenech però nixtieq ngħid illi fil-25 ta' Ottubru 1994, ġurnata qabel il-konsenja kien hemm kwistjonijiet bejni u bejn ħija u għalhekk ħija u kemm Michael Fenech ma ġewx lejn l-uffiċċju tiegħi. Mill-kotba tal-kumpanija ma rriżultali l-ebda set off. … Jien ngħid illi ma kinitx prassi tal-kumpanija rappreżentata minni sabiex isiru konsenji mingħajr id-delivery notes. Però f'dan il-każ sar hekk.*

Is-soċjetà attriċi esebiet *recordings* ta' telefonati u traskrizzjonijiet relattivi, Dok. "CD1" u Dok. "CD2" a fol. 320 sa' 337 tal-proċess, u fir-rigward Michael Angelo Fenech[19] xehed illi r-*recordings* in kwistjoni kien ħadhom huwa stess u hu wkoll kien ittraskriva tali telefonati.

---

[18] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Frar 1998, fol. 13 sa' 16 tal-proċess.

[19] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ġunju 2019, fol. 339 u 340 tal-proċess.

In kontro-eżami waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ottubru 2023[20], Michael Angelo Fenech ikkonferma li l-ordnijiet taż-żejt ma kienx joħodhom hu u kkonferma wkoll li meta saret l-allegata konsenja lis-soċjetà attriċi huwa ma kienx preżenti. Mistoqsi *naqblu ukoll li delivery notes ma ġewx iffirmati jew inkella ma ntalbux minn naħa ta' Fuel Oil, tas-soċjetà attriċi? Bħala delivery notes naqblu li ma hemmx?* Huwa wieġeb *li ġara kien l-għada li saret id-delivery ġie d-driver Felic Tabone u qalli Michael, li hu n-neputi u li kien jieħu ħsieb dawn l-affarijiet, qallu biex jieħu d-delivery, qallu imbagħad jieħu ħsieb il-karti hu. Imbagħad jien kont ġegħtlu, ħriġt delivery note jien, u ġegħltu jiffirma lil Felic Tabone.* Mistoqsi ulterjorment *però naqblu illi delivery notes iffirmati minn naħa ta' Polidano m'hemmx?* Wieġeb *M'hemmx però hemm konferma fuq ir-recordings għax qed nipprova niftakar għax ilu, fejn jammettu li rċevehom. U kienu jwegħduni l-invoice għax huma qalu li għandhom invoice, tlabthom biex ituni kopja u din il-kopja qatt ma tawhieli mbagħad b'hekk saret iċ-ċitazzjoni għax ammettew li rċevehom u għandhom l-invoice, però jien ma kellix, għedtilhom mela tuni kopja ta' l-invoice u qatt ma ġiet il-kopja ta' l-invoice.*

**Michael Fenech**[21] xehed illi huwa jiġi n-neputi ta' Michael Angelo Fenech, ir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi. Iddikjara fl-1994 huwa kien impjegat mas-soċjetà LUB Oil Manufacturer Co. Ltd., bħala manager iżda huwa kien jagħmel xogħol ukoll għal diversi kumpaniji oħra involuti, fosthom is-soċjetà attriċi. Fir-rigward tas-soċjetà attriċi xehed illi din kienet tbiegħ iż-żejt u hu kien, fi kliemu stess, *niġbor il-flus mingħand id-debituri, noħroġ l-invoices, nieħu ħsieb id-Dwana, nagħmel ordnijiet relattivi ta' żejt.* Mistoqsi jekk matul Ottubru 1994 kenitx saret konsenja ta' żejt lil John Polidano, huwa wieġeb li *rigward dan, hu impossibbli li nirrispondi. Fil-fatt biex nirrispondi nkun irrid nara l-kotba tal-kumpanija. Però dawn il-kotba ma humiex aċċessibbli għalija.* Mistoqsi dwar konsenja partikolari li dwarha kien kellmu Michael Angelo Fenech, huwa wieġeb *jiena liz-ziju kont dejjem inkellmu fil-għaxija billi intih rendikont dwar x'ġara matul il-ġurnata. Dan kien jiġri meta kien fl-uffiċċju, iz-ziju.* Mistoqsi wkoll dwar ċertu Felix Tabone, impjegat mas-soċjetà attriċi, Michael Fenech wieġeb *ma nistax ngħid jekk kienx impjegat mas-soċjetà attriċi għax kien hemm diversi kumpaniji involuti. Li nista' ngħid hu li dan kien impjegat ma' waħda mis-soċjetajiet. Jiena ma kontx inqassam ix-xogħol iżda inbiegħ. Xi kultant kien ikun hemm xi kaxxa u kont inqassamha.* Mistoqsi dwar il-proċedura li kienet tintuża fir-rigward tal-bejgħ ta' żejt, huwa wieġeb *b'referenza għal proċedura wżata, jiena kont immur għand il-klijenti u niġbor l-ordni. Immur l-uffiċċju u noħroġ l-invoices relattivi. L-għada kont nieħu l-karti fil-plant tagħna. Gieli kien hemm nies li jgħiduli li x-xogħol ma kienx għall-għada iżda għall-ġimgħa ta' wara. Ix-xogħol kien jitgħabba u kien jiġi kkonsenjat lill-klijenti.* Dwar John Polidano xehed illi *John Polidano kien imexxi petrol station. Il-biċċa l-kbira tas-service stations kienu jħallsu cash on delivery. Però ma nistax neskludi li ġieli kien ikun hemm invoice b'lura.* Xehed ulterjorment illi *ma nafx jekk kienx hemm xi tpaċija bejn is-soċjetà attriċi u l-konvenut. Dan ma nistax neskludih. Ma nistax ngħid kemm John Polidano kien jagħmel ordnijiet għal żejt matul xahar. In rigward is-soċjetà attriċi, naf li l-konvenut kien jixtri mingħandna. Però ġieli anke aħna, bħala Fuel Oil konna ħadna xi ħaġa mingħandu, naf li Michael Angelo Fenech ġieli nnegozja xi ħaġa miegħu. Però in rigward dan, aħjar issaqsi lill-attur.*

Dwar kemm dam jaħdem f'dan il-kuntest Michael Fenech iddikjara *nerġa' ngħid li il-kumpaniji kienu diversi però mas-soċjetajiet in kwistjoni, jiena bqajt naħdem magħhom, kollha kemm huma, tista' tgħid sal-31 ta' Ottubru 1994. Dan joħroġ minn dokument*

[20] Fol. 422 u 423 tal-proċess.

[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2001, fol. 38 sa' 41 tal-proċess.

*uffiċjali ta' l-ETC. Fis-26 ta' Ottubru 1994, jiena kont għadni ma' diversi kumpaniji. Jiena suppost li kont nitħallas mingħand Lub Oil, li semmejt. Ġieli l-paga ħadtha mingħand id-diversi kumpaniji.*

**Daniel Vella**[22], li mid-dokumenti esebiti minn Joseph Saliba, in rappreżentanza ta' l-Employment & Training Corporation[23], jirriżulta li kien impjegat ma' Polidano Service Station & Plant Hire Limited mit-13 ta' April 1992 sal-15 ta' Diċembru 1995, xehed illi huwa kien iżomm l-accounts peress li kien impjegat bħala skrivan, għad illi qeda xi mansjonijiet oħra wkoll. Mistoqsi jekk kienux jinxtraw Texaco Oils, huwa wieġeb *jidhirli. … Drammijiet* tal-200 litru. Mistqosi dwar is-soċjetà attriċi huwa wieġeb *lanqas qatt kont smajt b'din il-kumpanija, ħlief bil-karta li rċevejt biex niġi hawn u li tlajt issa.* Mistoqsi mill-Qorti *jiġifieri inti qabel dawn il-ftit ġranet, int qatt ma smajt b'din il-kumpanija, dak li qed tgħid?* Daniel Vella wieġeb *le lanqas qatt u minn dak iż-żmien 'l hawn.* Mistoqsi, dejjem mill-Qorti, x'kien xogħolu fil-petrol station, huwa wieġeb *kont nieħu ħsieb il-bejgħ tal-fuel, kelli nieħu ħsieb xi purchases u xi kontijiet tal-hirings tal-makkinarju, jiġifieri cranes u hekk.* Mistoqsi jekk bħala xiri kienx jieħu ħsieb ix-xiri tal-fuel jew ta' affarijiet oħra, huwa wieġeb li kien jieħu ħsieb ta' kollox. Li seta' jiftakar in konnessjoni ma' xiri ta' fuel kienet is-soċjetà Med Oils, iżda tenna li isem is-soċjetà attriċi u l-isem Med Lubs ma kienux familjari għalih. Mistqosi dwar Mike Fenech jew Alfred Fenech, magħrufa bħala Barbarossa, huwa wieġeb *iva, dak iż-żmien kienu jiġu jieħdu xi fuel u naħseb li kienu għamlu xi deals, imma eżatt ma nafx, ma niftakarx.* Mistoqsi dwar dawn id-deals, huwa spjega *xi negozjati hux fuq ix-xiri ta' krejnijiet … jew xi scrap jew żjut, jien naf. Dawn kienu jsiru ħafna negozjati imma naturalment ma kontx inkun naf kollox jien.* Mistoqsi jekk lil Michael Angelo Fenech qattx kellmu, huwa wieġeb li dakinhar li ta x-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri kienet l-ewwel darba li rah u mistoqsi jekk qattx talbu kopja ta' invoices jew ta' invoice partikolari jew dwar xi delivery partikolari, huwa wieġeb le u mistoqsi jekk dan setax sar bit-telefon, wieġeb *mhux proċess li normalment isir dan, speċjalment over the phone.*

**Luke Boyce**[24], wieħed mit-tfal ta' John Polidano, stqarr li huwa ma jistax jitfa' dwal fuq is-sitwazzjoni għaliex fiż-żmien in kwistjoni u meta s-soċjetà ta' missieru ġiet likwidata, huwa kien tifel żgħir. In effetti meta miet John Polidano huwa kellu biss tnax-il sena u li fi kwalunkwe każ kienu t-tfal l-oħra ta' John Polidano li kienu jieħdu ħsieb.

**Claire Polidano**[25], bint John Polidano u li mid-dokumenti esebiti minn Joseph Salida, in rappreżentanza ta' l-Employment & Training Corporation, senjatament mid-dokument Dok. "JS1" a fol. 123 tal-proċess u fol. 147 u 148 mid-dokument Dok. "JS2", jirriżulta li kienet impjegata ma' Polidano Service Station & Plant Hire Ltd. mit-3 ta' Ottubru 1994 sat-13 ta' Mejju 1995, iddikjarat li kien jinxtara żejt Texarco Rate iżda ma setgħetx tiftakar xi ordni partikolari li kienet saret dak iż-żmien. Bħala konsenji stqarret illi *ma kienx hemm ħafna deliveries għaliex dak fil-bidu li ftaħna il-petrol station, konna mechanics u jiġifieri ma tantx konna fuq dik il-linja.* Mistoqsija dwar żewġ kumpaniji bl-ismijiet Med Oils u Med Labs, hija wieġbet li dawk kienu ismijiet ġodda għaliha. Mistoqsija min kien jieħu ħsieb l-ordnijiet ta' *lubricating oil*, hija wieġebet *missieri naħseb stes. … Hu jew il-mekkanik imma iktar hu kien qisu involut.* Mistoqsija jekk tafx lil Michael Angelo Fenech, hija wieġbet *jiena naħseb li lil dan is-Sinjur ma naħsibx li qatt rajtu.* U jekk qattx kellmet

[22] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2016, fol. 220 sa' 224 tal-proċess.

[23] Dok. "JS1" a fol. 123 tal-proċess u parti minn Dok. "JS2" a fol. 161 tal-proċess.

[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2016, fol. 236 u 237 tal-proċess.

[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2018, fol. 304 sa' 308 tal-proċess.

lil xi ħadd mis-soċjetà attriċi fuq it-telefon dwar invoice partikolari, hija wieġbet *once again ngħidlek missieri kien jikkomunika magħhom. Barbarossa nafuhom aħna.*

Mistoqsija dwar telefonata li kienet saret, li t-traskrizzjoni tagħha ġiet esebita mis-soċjetà attriċi bħala Dok. "TCP" a fol. 313 u 314 tal-proċess, u tiftakarx tali telefonata, Claire Polidano wieġbet *onestament le. Niftakar illi jiena kont naħdem hemmhekk u digà kont qed nuża d-droga. Nixtieq minn qalbi li niftakar dawk iż-żminijiet għaliex id-daddy kien għadu ħaj u nixtieq li nġib il-memorja. Qed nipprova għaliex qiegħda l-ħabs u qiegħda clean imma qed tagħfsuni wisq biex immur lura għal dak iż-żmien. Jiġifieri jiena għamilt 25 years using cocaine. Vera nixtieq ngħinkom imma l-memorja tiegħi hija the least... Nixtieq illi għadu ħaj missieri għaliex kieku żgur illi mhux qiegħda l-ħabs.*

In kontro-eżami, mistoqsija jekk missierha kienx jopera taħt kumpanija, Claire Polidano wieġbet *missieri kien iħawwad ħafna fil-kumpanija. Daqqa b'ismu, daqqa jagħmel business u lanqas biss joħroġ karti. Missieri kien dyslexic, jiġifieri lanqas kien jaf jikteb. ... Aħna bħala kumpanija konna Polidano Service Station and Plant Hire Limited.* Hija ddikjarat li din il-kumpanija wirtuha ħutha Paul Polidano u Luke Boyce wara l-mewt ta' missierha, iżda fi żmien qasir din l-istess kumpanija falliet.

Claire Polidano semgħet ir-*recording* ta' telefonata li jidher li saret fil-11 ta' Jannar 1995 u fir-rigward qalet li ma setgħetx tagħraf il-leħen bħala tagħha iżda peress li issemma missierha ma setgħetx teskludi li kienet hi qed titkellem f'dik it-telefonata. In oltre ikkonfermat li dak iż-żmien hi biss kien hemm mara taħdem fil-petrol station. Semgħet ukoll ir-*recording* ta' telefonata li però ma jirriżultax meta saret stante li lanqas hemm data fit-traskrizzjoni u fir-rigward, Claire Polidano għarfet il-vuċi ta' missierha. Semgħet ukoll *recordings* ta' telefonati li jidher li saru ma' ċertu Dennis u qalet li dan Dennis Camilleri kien daħal *jaħdem magħna meta ħriġt bil-leave jiena u gerfex kull m'hemm.* Stqarret li kien jagħmel *book keeping ... lanqas kien accountant jiġifieri, ġieli ħareġ invoices u hekk u ma kienx dam magħna għax qed ngħidlek tefagħna mitt sena lura u pastażata li qallu "ma nistax nagħtik" għax dan kemm isib l-invoice number u jagħmillu photocopy.* Mistoqsija tiftakarx xi ħaġa fuq din l-invoice li tissemma fit-telefonata, Claire Polidano stqarret *emminni Dott, jiena f'dawk iż-żminijiet fl-1995 jiena nqbadt pregnant bħala single parent, ħaġa li ma xtaqtx nidħol f'dan il-każ u kelli ħafna problemi u għadni bil-problemi sa' llum, u ma tantx kont involuta fihom dawn l-affarijiet.*

In kontro-eżami waqt is-seduta ta' l-20 ta' Frar 2000[26], għalkemm Claire Polidano stqarret li t-telefonati kienu qed isiru mis-Sur Fenech għas-soċjetà attriċi fir-rigward ta' xi fuel, mistoqsija dwar liema invoice partikolari kienu jittrattaw dan it-telefonati hija wieġbet *ma għandix ideja.*

**Felix Tabone**[27] xehed illi huwa kien impjegat ma' Michael Angelo Fenech bħala mechanic u xufier. Mistoqsi dwar l-invoice esebita in atti huwa wieġeb *ma niftakarx* u dwar il-firma fuq l-istess invoice wieġeb li kien dubjuż dwar jekk hijiex tiegħu. Filwaqt li saritlu referenza għal proċeduri oħra fejn kienet involuta s-soċjetà attriċi u fejn huwa xehed, Felix Tabone ddikjara *ieqafli hemm, ħallini għax bagħtejt ħafna ħabib, bagħtejt ħafna, minn depression. Bagħtejt ħafna jiena, daqqa ġo rasi, ftuq, rasek l-isfel, bagħtejt ħafna u ma rridx nisma' aktar biha. Tgħidlix aktar affarijiet għax ma niftakarhomx, bini waqa', ma niftakarx iktar, I'm sorry. Għaddejt minn depression ħafna. ... Ma niftakarx iktar ħabib.*

---

[26] Fol. 352 tal-proċess.

[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Lulju 2021, fol. 366 sa' 368 tal-proċess.

Mistoqsi jekk kienx għamel konsenji ta' żejt għand Polidano Service Station, huwa wieġeb *ma niftakarx.*

Is-soċjetà attriċi esebiet vera fotokopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija minn Felix Tabone fil-proċeduri fl-ismijiet "Fuel Oil & Petroleum Co. Ltd. v. Nica Limited" Avviż Nru. 460/1997, waqt is-seduta tal-25 ta' Frar 2003[28]. Mill-imsemmija traskrizzjoni jirriżulta li Felix Tabone ġie muri dokument esebit f'dawk l-atti, li minn kopja esebita mill-istess soċjetà attriċi jirriżulta li hija fattura bin-numru 000051 datata 25 ta' Ottubru 1994[29], u fir-rigward xehed *l-ewwel ngħid li jiena kont insuq truck C 25001, cioè dak in-numru tat-truck imniżżel wara l-firma. In rigward dik il-firma, li hemm wara 'driver signature', wara li eżaminajt ftit fit-tul din il-firma, ngħid li l-firma tiegħi tixbaħha. Qed niġi muri l-istess dokument a fol. 27. Niftakar li kont ħadt xi konsenja ġo Petrol Station f'Għajn Dwieli però ma niftakarx kienitx il-konsenja ndikata fuq l-invoice a fol. 27. Hawnhekk qed niġi muri l-oriġinal tal-fotokopja li qed issirli referenza għaliha, invoice number A000051 kulur orange. Il-Qorti vverifikat li din hija vera fotokopja ta' l-oriġinal li qed neżamina issa. Wara li eżaminajt dan id-dokument ngħid li naħseb li din hija l-aħħar karta li ffirmajt, cioè l-aħħar karta li biha ħriġt delivery note. Niftakar li wara kont tlaqt. Niftakar li din l-aħħar delivery kienet f'petrol station f'Għajn Dwieli. Biex inkun aktar speċifiku ngħid li d-delivery saret fil-garage tagħhom ġo Ħaż-Żabbar, cioè ta' Nica Limited.*

Peress illi Felix Tabone esprima dubju dwar jekk il-firma fuq id-dokument esebit in atti ossia d-delivery note datata 26 ta' Ottubru 1994 a fol. 17 tal-proċess u mill-ġdid bħala Dok. "DC" a fol. 370 tal-proċess, hijiex il-firma tiegħu, ġie nominat Espert tal-Kalligrafija sabiex jeżamina l-firma fuq id-delivery note in oriġinal, ossia d-dokument Dok. "DC" a fol. 370 tal-proċess, , u l-firma fuq il-fotokopja tal-Karta ta' l-Identità ta' l-imsemmi Felix Tabone, esebita bħala Dok. "FT" a fol. 369 tal-proċess, u jiddetermina jekk dawn sarux mill-istess persuna.

L-imsemmi Espert tal-Kalligrafija, wara li għamel l-eżamijiet meħtieġa, ikkonkluda li *wara li saru l-eżamijiet kalligrafiċi komparattivi rikjesti bejn id-dokument "DC" fattura bin-numru 000052 li fuqha tidher firma li taqra "Felix Tabone" miktuba b'linka ta' lewn blu mad-dokument "FT" fotokopja tal-karta ta' l-identità numru 0126058M ta' Felice k/a Felix Tabone li fuqha tidher stampata kopja ta' firma li taqra "Felix Tabone", l-esponent jikkonkludi dan li ġej: 1. Tirriżulta kompatibilità pożittiva bejn il-punti karatteristiċi li ġew identifikati fil-kors tal-kitba tal-firma "Felix Tabone" miktuba b'linka ta' lewn blu fuq id-dokument "DC" fattura bin-numru 000052 hekk kif ikkomparati ma' l-istess punti karatteristiċi li jinsabu fil-kors tal-kitba tal-kopja tal-firma li taqra "Felice k/a Felix Tabone" kif miktuba fuq il-kopja tal-karta ta' l-identità numru 0126058M, dokument FT. 2. Tirriżulta diskrepanza minima fil-kors tal-kitba tal-linji orriżontali fil-kors tal-kitba ta' l-ittra "F" kapitali formanti parti mill-kitba tal-firma li taqra "Felix Tabone" miktuba b'linka ta' lewn blu fuq id-dokument "DC" fattura bin-numru 000052 hekk kif dawn l-istess punti karatteristiċi ġew ikkomparati mal-punti karatteristiċi li jinsabu fil-kors tal-kitba ta' l-ittra kapitali "F" formanti parti mill-kopja tal-firma li taqra "Felix Tabone" kif miktuba fuq il-kopja tal-karta ta' l-identità numru 0126058M, ta' "Felice k/a Felix Tabone" dokument "FT". 3. Illi fl-opinjoni ta' l-esponent il-firma li taqra "Felix Tabone" li tinsab miktuba b'linka ta' lewn blu fuq id-dokument "DC" fattura bin-numru 000052 u l-kopja tal-firma li taqra "Felix Tabone" kif miktuba fuq il-kopja tal-karta ta' l-identità*

[28] Fol. 386 u 387 tal-proċess.

[29] Fol. 385 tal-proċess.

*numru 0126058M, ta' "Felice k/a Felix Tabone" dokument "FT" ġew miktubin mill-istess persuna*[30].

**Osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet tal-Qorti:**

Għat-talba tas-soċjetà attriċi għall-ħlas tas-somma ta' €596.34, rappreżentanti konsenja u bejgħ ta' *lubricating oil* minnha lil John Polidano, l-istess John Polidano laqa' bl-eċċezzjoni li tali talba għandha tiġi miċħuda għaliex kwalsiasi kreditu li setgħet kellha s-soċjetà attriċi, jinsab imħallas. Il-Kuratur Deputat Dr. Abigail Bugeja ma ressqet l-ebda eċċezzjonijiet ulterjuri għal dik oriġinarjament sollevata minn John Polidano.

Fir-rigward ta' sitwazzjoni fejn parti konvenuta tissolleva l-eċċezzjoni tal-pagament għall-kreditu pretiż mill-parti attriċi, japplika l-prinċipju ġuridiku diversi drabi enunċjat mill-Qrati nostrali li *huwa minnu li fil-kors ordinarju tal-proċess min jallega l-pagament dan irid jissosstanzjah, anke jekk biex jagħmel dan mhux neċessarjament jipproduċi riċevuti. Provi oħra konvinċenti jibbastaw skond iċ-ċirkostanzi u l-fatti tal-każ li jkun, kif emerġenti mir-riżultanzi proċesswali (Ara Av. J. Buttigieg noe v. Jos. Portelli noe, Appell Kummerċjali, 26 ta' Jannar 1976; Joe Chetcuti noe v. Joseph Pearson et noe, Appell, 5 ta' Ottubru 1998). Dan mhux strettament il-punt hawn gialadarba* ***skond l-ordni loġiku tar-regoli probatorji jinkombi lill-attur b'obbligu u fl-ewwel lok illi jipprova b'mod adegwat l-allegazzjoni ċentrali tiegħu illi l-konvenut huwa debitur tiegħu. Sakemm dan ma jagħmlux il-konvenut jibqa' assistit mill-prinċipju illi l-piż tal-prova huwa l-ewwel mixħut fuq l-attur. Huwa biss f'każ illi l-attur ikun irnexxielu imqar "prima facie" jistabilixxi t-teżi tiegħu illi mbagħad il-piż tal-prova jisposta ruħu għal fuq il-kovnenut. Kif ingħad mill-Phipson "On Evidence" 11th Edition, para 103 "In civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a prima facie case". L-istess awtur jispjega wkoll (op cit, para 91) illi r-regola "Ei qui affirmat non ei qui negat incumbit probatio" "is adopted principally because it is but just that he who invoked the aid of the law should be the first to prove his case". Minn dawn il-konsiderazzjonijiet huwa loġiku illi qabel il-prova tal-pagament da parte tal-konvenut, li hu imprexxindibilment kien ikun obbligat jagħmel, l-ewwel stava għall-attur li jissodisfa lill-Qorti bi grad ta' prova li ma tkunx waħda merament possibbli imma bażata fuq il-porbabilità***[31].

Dan l-istess prinċipju ġie enunċjat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Calleja v. Brian Degiorgio**, **Rik. Nru. 691/14/1** deċiża fis-17 ta' Marzu 2022, fejn appuntu ġie osservat illi *skond il-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili - Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta). Fir-rigward tal-materja ta' provi, jingħad ukoll li tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti fil-kawża, kemm fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), kemm fuq il-konvenut in sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretensjonijiet ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) - Ara Vol. XLVI/I/5. Fil-kors tal-kawża, dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għaliex, kif ingħad, "jista' jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi ta' l-attur hija sostenuta" - (Ara Vol. XXXVII/I/577, kif ukoll is-sentenza mogħtija fit-12 ta' April 2007, minn din il-Qorti (Sede Inferjuri), fil-kawża fl-*

[30] Relazzjoni ta' l-Espert Kalligrafu Joseph Mallia, Dok. "JM" a fol. 393 sa' 415 tal-proċess.

[31] Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja, Appell Ċivili Nru. 554/2000/1 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Jannar 2003. Enfasi ta' din il-Qorti.

*ismijiet Joseph Tonna v. Philip Azzopardi). Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, tajjeb jingħad li* ***l-ewwel oneru tal-prova kien jispetta lill-attriċi li tipprova l-kreditu tagħha, iżda l-piż tal-prova tal-pagament jaqa' fuq id-debitur li jallegah, f'dan il-każ il-konvenut***[32].

Is-soċjetà attriċi stess irrikonoxxiet dan il-prinċipju ġuridiku tant illi għamlet referenza għalih fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha u anke ċċitat ġurisprudenza in materja, senjatament is-sentenza fl-ismijiet "Miller Distributors Limited v. Multi Toys Limited" Appell Nru. 1539/99, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Diċembru 2022.

Fir-rigward is-soċjetà attriċi ssottomettiet illi *l-attur ipprova d-dejn suffiċjentement. Xehed hu u esebixxa wkoll telefonata illi huwa kellu mal-konvenut qabel miet fejn il-konvenut ammetta d-dejn u liema telefonata ġiet ikkonfermata minn bint il-konvenut peress illi ttellgħat tixhed u rrikonoxxiet il-vuċi ta' missierha il-konvenut. Illi l-attur xehed illi fis-26 ta' Ottubru 1994 kienet saret konsenja ta' tliet tankijiet żejt lill-konvenut il-prezz fuq indikat. Ma saret l-ebda karta fir-rigward ta' l-istess konsenja. Driver tas-soċjetà attriċi kien informa d-direttur tas-soċjetà attriċi Michael Angelo Fenech illi ma kienux saru dokumenti. Sussegwentement id-direttur ħareġ dawn id-dokumenti fid-9 ta' Diċembru 1994 u ġew iffirmati mid-drajver tas-soċjetà attriċi ta' dak iż-żmien. Sussegwentement ċempel lill-konvenut li nforma illi kellhom invoices, id-direttur Fenech talabhom kopja ta' dawn l-invoices però nonostante diversi wegħdiet ma waslu qatt. Illi mit-telefonati li d-direttur Fenech kellu mal-konvenut ġie nfurmat illi Polidano kienu biegħu xi petrol lill-kumpanija fejn kien involut l-istess Michael A. Fenech, apparti it-tifel ta' ħuħ Michael Fenech u Polidano ppretenda li kellu jsir set off. Michael Fenech, in-neputi ma kellux awtorizzazzjoni jiftiehem ma' Polidano dwar set off għaliex ma kienx jirrappreżenta s-soċjetà attriċi f'dawn il-proċeduri. Konsegwentement set off ma setgħat qatt issir. Illi ġiet esebita l-invoice maħruġa sussegwentement minn Michael Angelo Fenech u ffirmata mid-driver li tinsab esebita a fol. 17 tal-proċess. In effetti Michael Angelo Fenech reġa' xehed fis-seduta ta' l-4 ta' Ġunju 2019 fejn spjega li huwa kien irrekordja numru ta' telefonati u għamel transcript tagħhom. Dawn jinsabu … a fol. 319 et seq tal-proċess. Illi telgħat tixhed darbtejn Claire Polidano, it-tifla tal-konvenut, u fit-tieni okkażjoni fis-seduta ta' l-20 ta' Frar 2020 għarfet li f'waħda mit-telefonati jinstema' leħinha, fit-tieni telefonata leħen missierha u fit-tielet telefonata ċertu Dennis Camilleri li kien jagħmilha ta' accountant tal-konvenut. … Illi sussegwentement ittella jixhed Felix Tabone, li kien id-driver li ffirma l-invoice u li għamel il-konsenja in kwistjoni. Dan xehed illi ma jiftakarx iffirmax l-invoice. Illi minħabba f'hekk kellha tintalab il-ħatra ta' espert kalligrafiku biex jagħmel rapport dwar il-firma fuq l-invoice u l-firma ta' Felix Tabone u kif xehed fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2022, sab marki komparattivi li huma kompatibbli mal-firma tas-Sur Tabone - cioè li hija firma awtentika tiegħu. Illi mit-transcripts tirriżulta ammissjoni mill-konvenut stess … li kieku kien mod ieħor il-konvenut ma kienx jikkopera ma' Fenech però kien jgħidlu m'għandix invoices x'nibgħatlek għax m'hemm xejn dovut. Illi għalhekk l-eżistenza tad-dejn ġiet ampjament ippruvata*[33].

Il-Qorti, wara li eżaminat il-provi kollha prodotti quddiemha, ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-soċjetà attriċi li hija rnexxielha ampjament tipprova l-eżistenza tad-dejn tagħha fil-konfront ta' John Polidano. Fil-fehma tal-Qorti, is-soċjetà attriċi mhux talli ma rnexxilhiex ampjament tipprova l-eżistenza ta' tali dejn minnha pretiż mingħand John Polidano, talli lanqas biss irnexxielha tipprovah fuq bażi *prima facie*.

---

[32] Enfasi ta' din il-Qorti.

[33] Nota ta' Sottomissjonijiet tas-soċjetà attriċi a fol. 445 sa' 449 tal-proċess.

Jibda biex jiġi osservat li Michael Fenech, il-persuna li suppost ikkordina dan l-allegat bejgħ lil John Polidano ma seta' jitfa' l-ebda dawl fuq il-kwistjoni għaliex ma kellux aċċess għall-kotba tal-kumpanija. Iktar minnhekk però, meta spjega kif kienet taħdem il-proċedura fil-każ ta' bejgħ ta' żejt, irriżulta li huwa kien l-ewwel imru għand il-klijenti u jieħu l-ordni tagħhom, imbagħad mill-uffiċċju joħroġ il-fattura relattiva u in segwitu, ossia l-għada, kien jieħu l-karti l-plant sabiex ix-xogħol jitgħabba u jiġi kkonsenjat lill-klijent. Ta' min jgħid li minkejja dan il-proċess kollu, li fil-fehma tal-Qorti kellu neċessarjament iħalli xi forma ta' *paper trail*, sia in kwantu rigwarda l-ordni tal-klijent, kemm għal dak li jirrigwarda fattura u kif ukoll il-karti li jingħataw lill-plant, stranament fil-każ in eżami s-soċjetà attriċi mhux talli ma għandhiex fattura relatata ma' dan l-allegat bejgħ talli la għandha *record* ta' l-ordni allegatament magħmul minn John Polidano u lanqas *record* tal-karti li suppost ingħataw lill-plant biex dan l-allegat żejt ordnat minn John Polidano seta' jitgħabba u jiġi konsenjat lilu.

Fattur ieħor li fil-fehma tal-Qorti huwa ferm stramb f'din il-kwistjoni kollha hu li Michael Angelo Fenech jikkontendi, anzi b'saħħa jinsisti li, għad illi s-soċjetà attriċi ma għandhiex fattura relattiva għal din l-konsenja żejt allegatament mibjugħ lil John Polidano, l-istess John Polidano kellu din il-fattura fil-pussess tiegħu. Il-Qorti assolutament ma tistax tifhem kif, u s-soċjetà attriċi ma tat l-ebda spjegazzjoni fir-rigward, John Polidano *qua* allegat riċevitur ta' din l-allegata konsenja ta' żejt suppost kellu il-fattura relattiva f'idu, iżda l-istess soċjetà, *qua* fornitriċi taż-żejt, ma kellhiex din l-istess fattura. Il-Qorti ma tistax tifhem kif is-soċjetà attriċi suppost ħarġet fattura lil John Polidano iżda ma żammitx kopja ta' tali fattura għar-*records* tagħha jew ta' l-inqas niżżlet tali transazzjoni fil-kotba tagħha.

Michael Angelo Fenech jisħaq li fit-telefonati li kellu ma' John Polidano, dan Polidano ammetta d-dejn tiegħu mas-soċjetà attriċi. Jisħaq ukoll li tant ammetta dan id-dejn li wegħdu li jagħtih kopja ta' l-invoice. Jgħid ukoll li minn dawn it-telefonati rriżulta li John Polidano ried li jkun hemm xi tpaċija ma' kreditu tiegħu versu s-soċjetà attriċi.

Il-Qorti semgħet ir-*recordings* u qrat it-traskrizzjonijiet relattivi u assolutament ma taqbilx ma' dak affermat minn Michael Angelo Fenech dwar ammissjoni tad-dejn da parte ta' John Polidano. Imkien f'dawn it-telefonati ma hemm ammissjoni da parte ta' John Polidano li huwa debitur tas-soċjetà attriċi, lanqas ma hemm fihom xi aċċenn għal xi tpaċija pretiża mill-imsemmi Polidano. Jekk Michael Angelo Fenech u per konsegwenza s-soċjetà attriċi jippretendu li din l-allegata ammissjoni tad-dejn tirriżulta mir-referenzi li jsiru għal fattura f'dawn it-telefonati, il-Qorti xorta waħda ma taqbilx ma' Fenech u mas-soċjetà attriċi u invece tqis li l-istess soċjetà attriċi ma seħħilhiex tipprova l-allegat kreditu tagħha fil-konfront ta' John Polidano.

Mit-telefonati in kwistjoni jirriżulta li Michael Angelo Fenech kien ilu jitlob mingħand John Polidano fattura, mingħajr ma jispeċifika liema, sa' minn Ottubru ta' l-1994. Skond Michael Angelo Fenech, din il-fattura kienet għal konsenja ta' xi erba' jew sitt tankijiet żejt. John Polidano kien jgħid lil Michael Angelo Fenech li kien se jgħid lin-nies tiegħu jfittxuha u meta tinstab jgħaddulu kopja. Claire Polidano ukoll kienet twiegħed lil Michael Angelo Fenech li kienet se tara li l-fattura li ried tiġi rintraċċjata. Dennis Camilleri da parte tiegħu stqarr ma' Fenech li ma seta' jagħtih l-ebda fattura għaliex il-karti ta' Polidano ma kienux qegħdin għandu iżda għand l-accountant.

Ir-referenza għal fattura f'dawn it-telefonati hija ġenerika wisq biex il-Qorti tkun konvinta, imqar fuq bażi *prima facie*, li John Polidano, Claire Polidano, li fi kwalunkwe każ iddikjarat li ma kellhiex ideja għal liema fattura kien qed jagħmel referenza għaliha

Michael Angelo Fenech, u Dennis Camilleri, jew min minnhom, seta' b'xi mod ammetta l-eżistenza tal-kreditu pretiż mis-soċjetà attriċi f'dawn il-proċeduri. Apparte minhekk, filwaqt illi f'telefonata minnhom Michael Angelo Fenech jgħid li l-fattura li kien qed jitlob għaliha kienet dwar konsenja ta' erba' jew sitt tankijiet żejt, mid-delivery note datata 26 ta' Ottubru 1994 u mill-fattura datata 9 ta' Diċembru 1994 esebiti rispettivament a fol. 17 (u wkoll a fol. 370 tal-proċess) u 18 tal-proċess u li jiffurmaw il-bażi tal-pretensjoni odjerna tas-soċjetà attriċi fil-konfront ta' John Polidano, jirriżulta li dawn jirreferu għal konsenja ta' tlett tankijiet żejt u mhux erba' jew sitta kif qal Michael Angelo Fenech fit-telefonata in kwistjoni. Fid-dawl ta' tali diskrepanza fl-ammont ta' tankijiet taż-żejt, kif tista' l-Qorti b'xi mod tasal għall-konklużjoni li l-fattura msemmija fit-telefonati hija proprio l-fattura ta' l-allegata konsenja li seħħet, skond Michael Angelo Fenech, fis-26 ta' Ottubru 1994, u konsegwentement kif tista' tasal għall-konklużjoni li kien hemm da parte ta' Polidano ammissjoni għad-dejn li s-soċjetà attriċi tippretendi li għandu fil-konfront tagħha.

Il-Qorti tosserva wkoll li huwa fatt inkontestat, u addirittura rikonoxxut mis-soċjetà attriċi, li Michael Angelo Fenech - il-persuna li ħejja d-delivery note a fol. 17 tal-proċess (u mill-ġdid a fol. 370 tal-proċess) u l-fattura a fol. 18 tal-proċess - ma kienx parteċipi fl-allegata transazzjoni bejn is-soċjetà attriċi u John Polidano u lanqas kien preżenti għall-allegata konsenja. Sabiex jagħti iktar valur lill-pretensjoni tas-soċjetà attriċi fil-konfront ta' John Polidano, Michael Angelo Fenech wara li ħejja d-delivery note a fol. 17 tal-proċess u ffirmaha, ġiegħel lil Felix Tabone, li fiż-żmien kien jaħdem bħala xufier mas-soċjetà attriċi, jiffirmaha wkoll. Meta dan Felix Tabone bl-ebda mod ma kkorobora dak affermat minn Michael Angelo Fenech u mis-soċjetà attriċi għaliex fi kliemu stess *bagħtejt ħafna ħabib, bagħtejt ħafna, minn depression. Bagħtejt ħafna Jiena, daqqa ġo rasi, ftuq, rasek l-isfel, bagħtejt ħafna u ma rridx nisma' aktar biha. Tgħidlix aktar affarijiet għax ma niftakarhomx, bini waqa', ma niftakarx iktar, I'm sorry. Għaddejt minn depression ħafna. ... Ma niftakarx iktar ħabib*, is-soċjetà attriċi ippreżentat vera kopja ta' traskrizzjoni ta' xhieda li Felix Tabone ta fil-proċeduri fl-ismijiet "Fuel Oil & Petroleum Co. Ltd. v. Nica Limited" Avviż Nru. 460/1997, waqt is-seduta tal-25 ta' Frar 2003. Dak li jirriżulta minn tali traskrizzjoni huwa ferm interessanti għall-finijiet tal-proċeduri odjerni.

Minn dik it-traskrizzjoni jirriżulta li l-konsenja żejt mertu ta' dawk il-proċeduri, li mid-dokument esebit mis-soċjetà attriċi flimkien mat-traskrizzjoni msemmija jirriżulta li seħħet fl-24 ta' Ottubru 1994, kienet l-aħħar konsenja żejt li Tabone għamel għas-soċjetà attriċi għaliex wara dik id-data huwa kien telaq minn ma' l-imsemmija soċjetà. F'dawk il-proċeduri Felix Tabone testwalment xehed *ngħid li naħseb li din hija l-aħħar karta li ffirmajt, cioè l-aħħar karta li biha ħriġt delivery note. Niftakar li wara kont tlaqt.* ***Niftakar li din l-aħħar delivery kienet f'petrol station f'Għajn Dwieli. Biex inkun aktar speċifiku ngħid li d-delivery saret fil-garage tagħhom ġo Ħaż-Żabbar, cioè ta' Nica Limited***.

Il-Qorti għalhekk tistaqsi jekk fil-proċeduri "Fuel Oil & Petroleum Co. Ltd. v. Nica Limited", Felix Tabone qal li l-konsenja mertu ta' dawk il-proċeduri kienet l-aħħar konsenja li huwa għamel għas-soċjetà attriċi, kif qatt tista' din l-istess Qorti temmen jew tasal biex tqis li jirriżulta ppruvat imqar fuq bażi *prima facie* li l-istess Felix Tabone għamel konsenja oħra ta' żejt jumejn wara, ossia fis-26 ta' Ottubru 1994, lil John Polidano? Ċertament li dan ma tistax tagħmlu. Frankament, il-fatt li l-Espert tal-Kalligrafija kkonferma li l-firma fuq id-delivery note tas-26 ta' Ottubru 1994 hija il-firma ta' Felix Tabone, ma jbiddel assolutament xejn mill-fatt li minn prova prodotta mis-soċjetà attriċi stess, ma jirriżultax li huwa possibbli jew probabbli li l-istess Felix Tabone effettivament għamel tali konsenja fis-26 ta' Ottubru 1994. Ta' min jgħid ukoll li Felix Tabone ma jidhirx

li ffirma d-dokumenti in kwistjoni b'mod liberu u volontarju iżda ġie mġiegħel jiffirma l-istess minn Michael Angelo Fenech.

Haġ' oħra li l-Qorti ssibha ferm diffiċli tifhem hija, jekk verament is-soċjetà attriċi għamlet konsenja ta' tankijiet taż-żejt lil John Polidano fis-26 ta' Ottubru 1994 u Michael Angelo Fenech sar jaf b'din il-konsenja kważi mill-ewwel, għalfejn meta ħejja d-delivery note minnu esebita a fol. 17 tal-proċess (u mill-ġdid a fol. 370 tal-proċess) ma marx biha direttament għand Polidano u talbu jiffirmahielu u mhux illimita ruħu biss li jiffirmaha hu stess u jġiegħel lil Felix Tabone jiffirmaha wkoll? Għal dan il-kweżit ma hemm ebda risposta loġika u/jew ġuridika.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat, il-Qorti ma hijiex affattu sodisfatta bil-livell ta' prova da parte tas-soċjetà attriċi u tqis li l-imsemmija soċjetà ma rnexxilhiex tissodisfa l-oneru tal-prova imposta fuqha, ossia l-oneru li *l-attur li jallega d-debitu għandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat. Inkella, fin-nuqqas li jagħmel dan, jibqa' jimpera l-prinċipju "actor non probante, reus absolvitur".* Konsegwentement għalhekk it-talba attriċi tirriżulta għal kollox inġustifikata u bħala tali ma tistax tiġi milqugħa.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, minħabba nuqqas ta' prova ta' l-allegat kreditu tas-soċjetà attriċi fil-konfront ta' John Polidano, **tiċħad** it-talba attriċi kif dedotta fl-Avviż ippreżentat fis-6 ta' Marzu 1997.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk pertinenti għan-nomina ta' l-Espert tal-Kalligrafija Joseph Mallia, għandhom jiġu sopportati interament mis-soċjetà attriċi.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**